MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**

**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2015

Appell Civili Numru. 73/2013/1

**Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Matthew Zarb; Franklin Orsini; Mark Anthony Bartolo; Mason Nehls u Duncan Caruana**

## Preliminari

**1.** Dawn huma zewg appelli maghmula miz-zewg partijiet separatament, ir-Repubblika ta’ Malta [l-intimata] u Franklin Orsini[1] [ir-rikorrent], mis-sentenza moghtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta’ Marzu 2014 li permezz taghha dik il-Qorti, fuq referenza maghmula lilha mill-Qorti Kriminali, iddecidiet hekk:

> “….twiegeb il-kwezit tal-Qorti Kriminali fis-sens li ssib li l-Artikolu 22 [2] tal-Kap.101 u l-Artikolu 120A [2] tal-Kap.31 [li jaghtu diskrezzjoni lill-Avukat Generali jiddecidi jekk akkuzat ghandux jidher quddiem il-Qorti Kriminali jew quddiem il-Qorti tal-Magistrati [Malta] bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminalil] jivvjolaw f’ dan il-kaz l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiiet tal-Bniedem”

## Is-Sentenza Appellata

**2.** Fil-parti relevanti taghha din taqra hekk:

> “Din hija referenza kostituzzjonali maghmula mill-Qorti Kriminali fil-25 ta’ Settembru 2013, fl-att tal-akkuza numru 17/2013. Wiehed mill-akkuzati huwa Franklin Orsini li talab li ssir referenza fuq tliet punti: nuqqas ta’ assistenza legali waqt l-istharrig tal-Pulizija; ugwaljanzi fl-armi; u d-diskrezzjoni tal-Avukat Generali li jressaq persuni akkuzati bi traffikar ta’ droga jekk jinstemghux mill-Qorti tal-Magistrati jew mill-Qorti Kriminali. F’dan il-kaz, Franklin Orsini u shabu

[1] Wiehed mill-ko-akkuzati fil-proceduri fl-ismijiet fuq indikati

ko-akkuzati tressqu biex il-kaz taghhom jinstema' mill-Qorti Kriminali. Il-Qorti Kriminali, bid-digriet fuq imsemmi, iddecidiet hekk:

*""Ghar-ragunijiet moghtija aktar 'il fuq, il-Qorti qed tichad li tirreferi l-ewwel zewg lanjanzi tar-rikorrent lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (jigifieri dik il-lanjanza dwar in-nuqqas ta' assistenza legali waqt l-istqarrija u l-lanjanza l-ohra dwar l-ugwaljanza tal-armi) ghaliex dawn il-lanjanzi huma frivoli u vessatorji.*

*"U qed tilqa' BISS it-talba tar-rikorrent sabiex il-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) tistharreg il-lanjanza dwar jekk id-diskrezzjoni tal-Avukat Generali taht il-Kap. 101 u/jew il-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddeciedi jekk akkuzat ghandux jidher quddiem il-Qorti Kriminali jew quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta). Bhala Qorti ta' gudikatura kriminali tilledix id-dritt tar-rikorrent skont l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.*"

"Din il-Qorti, ghalhekk, trid tistharreg u tiddeciedi biss fuq il-kwistjoni tad-diskrezzjoni tal-Avukat Generali taht il-Kap. 101 u/jew Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta.

"Franklin Orsini gie arrestat fid-19 ta' Dicembru 2010, meta l-Pulizija, wara li kellhom informazzjoni li sejra ssir xi transazzjoni fuq droga, marru Hal Tarxien u sabu zewg karozzi b'sitt zghazagh fihom, fosthom Franklin Orsini. Fuq il-persuna ta' dan instabet biss blokka zghira ta' sustanza suspettuza, pero', fil-karozza fejn kien, mal-art fuq wara (fejn kien bilqieghda s-Sur Orsini) instabet borza b'xi elf pillola tal-ecstasy u flimkien ma' shabu gie akkuzat bil-pussess ta' din id-droga f'cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu. Is-Sur Orsini rrilaxxja stqarrija fejn ammetta li kien jaf bil-pilloli fil-karozza u spjega l-involviment tieghu fil-kaz. Huwa kkopera mal-Pulizija u spjega x'wassal ghall-kaz, u spjega li kollox beda meta habib tieghu staqsieh jekk jafx lil xi hadd li ghandu l-ecstasy. Is-Sur Orsini wiegeb li kien jaf u minn hemm beda l-involviment tieghu sa ma gie arrestat. Hekk kif is-Sur Orsini tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu biex dan jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali. Is-Sur Orsini issa qed jilmenta mid-diskrezzjoni li ghandu l-Avukat Generali.

"Din il-Qorti tibda biex tghid li hawn mhux il-forum adettat fejn isir stharrig tal-uzu tad-diskrezzjoni f'dan il-kaz. L-uzu tad-diskrezzjoni huwa ezercizzju amministrattiv li, bhal kull decizjoni amministrattiva, jista' jkun sindakabbli mill-

qrati ordinarji bis-sahha tal-poteri generali taghhom ta' stharrig gudizzjarju tal-ghemil tal-gvern. Din il-Qorti la hija kompetenti u lanqas ma giet mitluba tissindika d-diskrezzjoni uzata mill-Avukat Generali fil-konfront ta' Franklin Orsini, izda trid tara biss jekk id-diskrezzjoni moghtija bil-ligi lill-Avukat Generali jilledix id-dritt tar-rikorrent skont l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

"Din il-materja giet diskussa mill-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-kawza "<u>Camilleri vs Malta</u>", deciza fit-22 ta' Jannar 2013, u anke mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz "<u>Camilleri vs Avukat Generali</u>", u dan fid-decizjoni fuq talba preliminari li tat fl-1 ta' Lulju 2013. F'dan l-ahhar kaz, il-Qorti Kostituzzjonali ghamlet dawn l-osservazzjonijiet in materja.

*""Wiehed ifakkar li ilment simili, in kwantu bazat fuq l-Artikolu 6 (dritt ghal smiegh xieraq), ma kienx gie accettat mill-Qorti Ewropeja, u l-ilment gie accettat taht l-Artikolu 7, in kwantu din id-diskrezzjoni tal-Avukat Generali setghet thalli f'mohh l-akkuzat incertezza dwar il-piena li seta' jehel. Kif, pero`, osservat il-Qorti Ewropeja fid-decizjoni taghha* ***Camilleri v. Malta****.*

*"Further, the Court cannot speculate as to the tribunal to which the applicant would have been committed for trial had the law satisfied the requirement of foreseeability. Indeed, the present case does not concern the imposition of a heavier sentence than that which was applicable at the time of the commission of the criminal offence or the denial of the benefit of a provision prescribing a more lenient penalty which came into force after the commission of the offence (see, inter alia, Alimucaj v. Albania, no. 20134/05, 7 February 2012; Scoppola (no. 2), cited above, and K v. Germany, no. 61827/09, 7 June 2012) and therefore the Court does not consider it necessary to indicate any specific measure".*

*"Ghalhekk, il-process tas-smiegh tal-guri mhux per se jmur kontra d-drittijiet tal-bniedem, anke taht ic-cirkostanzi lamentati mir-rikorrent, dejjem jekk jitmexxa b'mod gust u jaghti lill-akkuzat smiegh xieraq. Ir-rimedju f'kaz ta' sejbien ta' ksur mhux it-twaqqif jew it-thassir tal-process kriminali, cioe`, ta' dak li jkun sar bl-ezercizzju tad-diskrezzjoni tal-Avukat Generali, u kwindi l-guri f'dan il-kaz m'ghandux jitwaqqaf. Il-Qorti Ewropeja ghamlitha cara illi dak li sabet kien biss nuqqas ta' forseeability prevvist mill-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja, liema nuqqas certament ma jfissirx li l-process kriminali ghandu jieqaf u ma ghandux iservi sabiex igib bhala konsegwenza l-paralizi tas-sistema gudizzjarja. Il-fatt li, skont il-Qorti Ewropeja (b'dissenting opinion tal-Imhallef Malti), l-akkuzat li allegatament wettaq ir-reat seta' ma kienx jaf il-massimu tal-piena li seta' jkun soggett ghalih jekk jinqabad u jinstab hati, ma ghandux izomm is-smiegh innifsu tal-kaz, li hija haga indipendenti mill-prevedibbilita` o meno tal-piena. Il-piena hi dik stabbilita fil-ligi fil-mument li allegatament twettaq ir-reat, u n-nuqqas ta'*

*forseeability jista' jaghti lok ghal xi rimedju iehor, izda mhux li jitwaqqaf il-process gudizzjarju fil-konfront tal-persuna implikata."*

"Din il-Qorti taqbel ma' dan il-pronunzjament, pero', ma tistax u mhux se taghti xi forma ta' rimedju ghax dan ma jidholx fil-kompetenza taghha. Kif qalet il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza "Massa et vs Id-Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali et", deciza fit-30 ta' April 2012:

*""12. Ghandu jigi rilevat li bhala regola meta ssir riferenza ta' kwistjoni kostituzzjonali kif previst fl-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni l-funzjoni tal-Qorti li lilha ssir ir-riferenza hija arginata bit-termini tar-riferenza u ghalhekk dik il-Qorti ghandha tillimita ruhha filli twiegeb ghall-kweziti riferuti lilha. Il-kwezit riferut lill-ewwel Qorti kien limitat sabiex jigi determinat jekk l-ordni ta' rekwizizzjoni tal-fond 51, Mdina Road, Naxxar permezz tar-Requisition Order tal-10 ta' Gunju 1980 (R.O. 22312) u l-effetti kontinwati tal-istess ordni, humiex bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni. L-ewwel Qorti kellha twiegeb ghal dak il-kwezit u tieqaf hemm. Minflok marret oltre u ssoktat taghti rimedju li ma kienx parti mill-kweziti riferuti lilha billi ghaddiet sabiex tillikwida u tordna l-pagament ta' kumpens pekunjarju favur Carmelo sive Charles u Josephine konjugi Massa meta dawn ma kienux il-partijiet riferenti peress li r-riferenza hi tal-Qorti li ghamlitha."*

"Hekk ukoll, l-istess Qorti Kostituzzjonali fil-kawza "The Police vs Arias", deciza fit-28 ta' Settembru 2012, qalet illi:

*""**55.** In respect of this issue this Court points out that as a rule whenever a constitutional reference is made to the First Hall Civil Court under Article 46(3) of the Constitution that Court's function is circumscribed by the terms of the reference made to it and that Court is required to limit itself to giving its replies to the questions referred to it by the referring Court. The terms of the reference made to the first Court did not extend to the liquidation and order of payment of compensation to the defendant Arias Nelson who was not the person making the reference since the referring authority was the Court of Magistrates. When, therefore, the first Court liquidated the sum of €1,500 by way of compensation in favour of the defendant it went beyond the limits of its competence as delineated by the terms of the reference and this is sufficient to lead to the revocation of this part of the judgment without there being any need to consider the other aspects raised by the appellants in connection with this issue."*

> “Kwindi, din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi, twiegeb il-kwezit tal-Qorti Kriminali fis-sens li ssib li l-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 u l-Artikolu 120A(2) tal-Kap. 31 (li jaghtu diskrezzjoni lill-Avukat Generali jiddeciedi jekk akkuzat ghandux jidher quddiem il-Qorti Kriminali jew quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ gudikatura kriminali) jivvjolaw f’dan il-kaz l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.
>
> “Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tintbaghat lill-Qorti Kriminali biex tigi inserita fl-atti tal-Att tal-Akkuza numru 17/2013.
>
> “Spejjez marbuta ma’ din id-decizjoni jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.”

**L-Appelli**

**3.** Fir-rikors tal-appell tieghu r-rikorrent, ghar-ragunijiet hemm indikati, talab li s-sentenza appellata tigi varjata billi din il-Qorti thassar dik il-parti fejn l-ewwel Qorti ordnat li l-ispejjez jibqghu bla taxxa u, minflok, tordna li l-ispejjez ikunu a karigu tal-intimata, ukoll talab lill-ewwel Qorti taghti rimedju effettiv ghal-lanjanza riskontrata, filwaqt li tikkonferma s-sentenza ghal bqija, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimata. Din il-Qorti rat ukoll ir-risposta maghmula mill-intimata ghal dan l-istess rikors.

**4.** Fir-rikors tal-appell taghha l-intimata, ghar-ragunijiet hemm indikati, talbet li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata, u minflok, tiddeciedi li l-punti imqanqla fir-referenza inkwistjoni huma infondati u tichadhom, bl-ispejjez taz-

zewg istanzi kontra l-parti li pprovokat l-istess referenza. Min-naha tieghu r-rikorrent ma prezentax risposta ghal dan ir-rikors.

**5.** Din il-Qorti tosserva li r-rikorrent qed jibbaza l-appell tieghu fuq il-kap tal-ispejjez, kif ukoll fuq in-nuqqas tal-ewwel Qorti li taghtieh rimedju ghal-lezjoni riskontrata. Min-naha taghha l-intimata qed tibbaza l-appell taghha fuq zewg aggravji: [1] l-inapplikabbilita` tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni ghall-fattispeci tal-kaz, [2] l-inapplikabbilita` ghall-kaz odjern tal-principji enuncjati mill-Qorti Ewropeja fil-kaz **Camilleri v. Malta**[2] stante li l-fatti f'dak il-kaz kienu differenti minn dawk tal-kaz in dizamina.

**6.** Tenut kont tal-aggravji mressqa miz-zewg partijiet, kif ukoll ta' dak li ser jigi deciz, huwa opportun li din il-Qorti tibda biex titratta l-ewwel aggravju tal-intimata.

*L-ewwel aggravju tal-intimata*

**7.** Dan hu fis-sens li l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni huwa inapplikabbli ghall-kaz odjern, stante li jonqos wiehed mill-estremi ghall-applikabbilita` tieghu, u cioe` s-sejbien ta' htija tar-rikorrenti tar-reat kriminali addebitat lilu. Hija ticcita

[2] Appl. 42931/10, deciz 22 Jannar 2013

kazistika tal-Qorti Ewropeja, kif ukoll bran mill-pubblikazzjoni *'Law of the European Convention of Human rights'*[3], li jaqra hekk:

> *"The wording of Article 7 [1] is limited to cases in which a person is ultimately 'held guilty' of a criminal offence. A prosecution that does not lead to a conviction, or has not yet done so, cannot raise an issue under Article 7 – at least not by an individual application"*

**8.** Hija tkompli tghid:

> "Illi huwa principju bazilari fil-kamp kriminali illi l-akkuzat huwa prezunt innocenti sakemm misjub hati, u li huwa ghal din ir-raguni u ghas-salvagwardja tad-drittijiet kollha spettanti lill-istess akkuzat li l-punt tat-tluq huwa li l-akkuzat fl-istadju li lahqu l-proceduri penali in konfront tieghu wiehed bl-ebda tigbid tal-immaginazzjoni ma' jista' jasal ghall-konkluzjoni li huwa 'instab hati'."

**10.** L-intimata tkompli tghid li l-paragun li ghamlet l-ewwel Qorti mal-kaz **Camilleri v. Malta**[4] huwa insostenibbli peress li f'dak il-kaz l-applikant kien diga` gie misjub hati mill-Qorti Kriminali, filwaqt li fil-kaz odjern il-proceduri kriminali ghadhom pendenti. Ghalhekk tghid l-intimata li:

> "… t-twegiba li kellha taghmel lill-Qorti Kriminali kienet fis-sens li fl-istadju li fihom waslu l-proceduri kriminali l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni mhux applikabbli: dan huwa dak li jipprovdu kemm l-istess test tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni kif ukoll dak li ddecidiet kemm il-Kummissjoni Ewropea, kif ukoll il-Qorti Ewropeja…."

[3] Harris, O' Boyle & Warbrick
[4] Supra

**11.** Din il-Qorti diga` kellha okkazjoni titratta dan il-punt f'sentenzi ohrajn fosthom il-kaz **Joseph Lebrun v. Avukat Generali** u **Martin Dimech v. Avukat Generali**[5] li ghalihom qed issir referenza.

**12.** L-Artikolu 7 *de quo* fil-parti relevanti tieghu jaqra hekk:

> "[1] Hadd ma ghandu jitqies li jkun hati ta' reat kriminali [6]minhabba f' xi att jew ommissjoni li ma jkunux jikkostitwixxu reat kriminali skont ligi nazzjonali jew internazzjonali fil-hin meta jkun sar. Lanqas ma ghandha tinghata piena akbar minn dik li kienet applikabbli fiz-zmien meta r-reat krimininali jkun sar.
>
> …."

**13.** Minn din id-dispozizzjoni ghandu jirrizulta car li sabiex tikkonfigura l-lezjoni hemm kontemplata jehtieg li jkun hemm sejbien ta' htija ta' reat kriminali. Dan huwa pre-rekwizit essenzjali ghall-ezami tal-punt jekk giex vjolat id-dritt fundamentali hemm protett. Din il-konsiderazzjoni tirrizulta cara mid-dispozizzjoni *de quo* u tinsab sostnuta mill-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja. Hekk fil-kaz **Mirchev and Others v. Bulgaria**[7] dik il-Qorti osservat:

> *"The Court considers that the applicants cannot claim to have been "victims" within the meaning of article 34 of Convention under Article 7[1] of the*

[5] *Q.Kost. App.84/13* **Joseph Lebrun v. Avukat Generali** , u Q.Kost.61/13 **Martin Dimech v. Avukat Generali,** decizi 17 Settembru 2014 ;
[6] Sottolinear tal-Qorti
[7] 71605/01, deciza 27 Novembru 2008

*Convention by the mere opening of criminal proceedings against them. The proceedings remained at the stage of the preliminary investigation and never resulted in actual convictions and punishment."[para.24]*

**14.** Fil-kaz **Avukat Jose' Herrera nomine v. Avukat Generali,** din il-Qorti[8], diversament komposta, esprimiet l-istess fehema u cioe` li ghall-applikabbilita` tal-Artikolu 7 [1] jehtieg li jkun hemm sejbien ta' htija. Hija wkoll ccitat bran mill-*'Law of the European Convention on Human Rights'*[9]

**15.** Komformament mal-premess, jigi osservat ukoll li fil-kaz **Lukanov v. Bulgaria** [Appl. 21915/93] il-Kummissjoni Ewropeja osservat:

*"Under Article 7 [Art.7] of the Convention the applicant complains that criminal proceedings were instituted against him on the basis of acts which did not constitute a criminal offence at the time when they were committed. The Commission notes that the proceedings instituted against the applicant have not yet been terminated. He has not, thereforfe been 'held guilty of any criminal offence' as set out in Article 7 para.1 [Art.7 – 1] of the Convention."*

**16.** Ghalhekk din il-Qorti tosserva li, b'differenza ghal-kaz **Camilleri v. Malta** fejn l-applikant kien gie misjub hati ta' reat kriminali u li s-sejbien ta' htija tieghu kienet ukoll giet konfermata mill-Qorti Kriminali, fil-kaz odjern ir-rikorrenti ghadu ma nstabx hati ta' reat kriminali peress li l-proceduri kriminali

[8] App.C 1/2010, eciz 13 April 2011
[9] 2 Edizzjoni, pg.232

ghadhom pendenti. Ghal din ir-raguni l-invokazzjoni da parti tieghu ghall-Artikolu 7 hija intempestiva.

**17.** Ghar-ragunijiet premessi din il-Qorti ma tistax taqbel ma’ dak deciz mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata.

**18.** Fl-ahharnett fuq dan l-aggravju mhuwiex inopportun li jigi osservat li, wara l-emendi li saru bl-att XXIV [Artt.88 u 90] u li gew fis-sehh fl-14 Awwissu 2014, ir-rikorrent akkuzat ghandu dritt ta’ appell mid-decizjoni tal-Avukat Generali quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali [Artikolu 22 [b] ], u ghalhekk l-uzu tad-diskrezzjoni uzata mill-Avukat Generali fil-kazijiet individwali hija sindikabbli gudizzjarjament mill-qrati lokali. Ghalhekk il-fattur tal-*“unfettered discretion”* jew possibilita` ta’ arbitrarjeta` da parti tal-Avukat Generali fl-uzu tad-diskrezzjoni tieghu llum spicca, ghax skont l-istess emendi, in forza ta’ dispozizzjoni tranzatorja [it-tieni proviso tal-Artikolu 22 [b] Kap.101] ir-rikorrenti, tenut kont li l-proceduri kriminali kontra tieghu ghadhom pendenti, ghandu d-dritt li jappella, ghal darba wahda biss, mid-decizjoni tal-Avukat Generali fi zmien xahar mid-data tad-dhul fis-sehh tal-istess subinciz u cioe` fl-14 ta’ Awwissu 2014 [Avviz Legali 275].

**19.** Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa fondat u ser jigi milqugh. Konsegwentement mhux il-kaz li jigi trattat it-tieni aggravju tal-intimata, u t-tieni aggravju tar-rikorrent.

*L-ewwel aggravju tar-rikorrent*

**20.** Dan hu fis-sens li hu ma kellux jigi ordnat mill-ewwel Qorti jhallas spejjez ta’ dawn il-proceduri. Jghid li l-punt deciz minn dik il-Qorti ma kienx wiehed kumpless u “kien diga` jezisti corpus sostanzjali fuq il-lanjanza odjerna. Inoltre ... jissottometti li ma tezisti ebda raguni tajba l-ghala huwa kellhu jbati l-ispejjez tieghu, jew li almenu l-Qorti kellha tfisser x’kienet din ir-raguni.”

**21.** Min-naha tieghu l-intimata tirribatti billi jghid li l-punt li kellha quddiemha l-ewwel Qorti ma kien jinvolvi l-ebda punt kristallizat kif sostnut mir-rikorrenti.

**22.** Din il-Qorti, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet premessi dwar l-ewwel aggravju tal-intimati, tosserva li l-ewwel Qorti kienet korretta meta ddecidiet li l-ispejjez ikunu bla taxxa. Dan qed jinghad in vista tal-fatt li r-referenza kienet giet provokata minn talba tar-rikorrent, liema fatt huwa kontro-bilancjat bil-konsiderazzjoni li r-referenza kienet saret mill-Qorti Kriminali bhala kwezit lil qrati ta’ kompetenza kostituzzjonali. Ghalhekk kienet ghaqlija d-decizjoni tal-ewwel Qorti li tordna li l-partijiet ihallsu l-ispejjez taghhom.

**23.** Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa infondat.

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi tiddeciedi l-appell tal-intimata Repubblika ta' Malta billi tilqghu fis-sens li tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti ddecidiet li l-Artikolu 22[2] tal-Kap.101 u l-Artikolu 120 [2] tal-Kap.31 f'dan il-kaz jivvjolaw l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni, u, minflok, tiddikjara li f'dan il-kaz tenut kont li l-proceduri kriminali ghadhom pendenti u li ghalhekk ir-rikorrent ghadu ma nstabx hati, l-imsemmi Artikolu 7 huwa inapplikabbli f'dan l-istadju; tiddeciedi dwar l-appell tar-rikorrent billi tichdu.

L-ispejjez tal-ewwel istanza ghandhom jibqghu kif decizi, filwaqt dawk tal-appell odjern ghandhom jigu sopportati mir-rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------